# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

**Il-Pulizija**
(Spettur Paul Vassallo)

-vs-

**Michael Vella ta' 24 sena iben Anthony u Mary nee' Borg, imwieled Attard, Malta fid-9 ta' Settembru 1972 u li joqghod fil-fond numru 31, Triq il-Librerija, Victoria, Ghawdex detentur tal-karta ta' l-identita' numru 381572(M)**

Illum 1 ta' Gunju 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fid-9 ta' Settembru 1996 ghall-habta ta' xi l-hdax u kwart ta' fil-ghaxija (11.15pm), f'Victoria, Ghawdex minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Nazzareno sive Reno Portelli, minn Victoria, liema ferita tammonta ghal sfregju fil-wicc u tista' ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti mill-gisem.

Rat l-Att tar-rinviju tal-Avukat Generali (folio 50) li bih dehrlu li mill-atti tal-kumpilazzjoni setghet tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub fl-artikoli minnu hemm citati fil-konfront ta' l-imputat u iddecieda kif hemm mahsub fl-Artikolu 370(3) (a) tal-Kodici Kriminali li jibghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni minn naha ta' l-imputat.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni sabiex il-kawza tinstemgha u tigi deciza minn dina l-Qorti.

Rat ix-xhieda fil-kumpilazzjoni u semghet l-imputat minn jeddu u bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-akkuzi addebitati lill-imputat huma li kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Nazzareno sive Reno Portelli. Tnejn huma l-fatti li jiddeterminaw l-ezitu: l-prova certa u inekwivoka li kien l-imputat li kkaguna l-feriti; in-natura ta' l-istess feriti fis-sens li mill-provi jrid jirrizulta li l-feriti huma ta' natura gravi fit-termini ta' l-Artikolu 216 u/jew 218 tal-Kap 9.

Huwa pacifiku li l-prova tinkombi fuq l-prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li tipprova minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni waqt li hu sufficjenti li d-difiza tipprova l-kaz taghha sal-grad tal-probabbli.

Il-provi prodotti jiddistingwu ruhhom f'illi huma skarsi dwar kif l-kwerelant garrab il-feriti u f'illi u f'kwalsiasi kaz li l-feriti ma rrizultax li kienu ta' natura gravi fis-sens kemm ta' l-Artiklu 216 u wkoll l-Artikolu 218 tal-Kap 9.

Fir-rigward l-ikkagunar tal-feriti x-xhieda in propositu tikkonsisti biss f'dik tal-kwerelant u l-imputat. Il-versjonijiet taghhom huma totalment konfliggenti . Il-kwerelant jghid li gie aggredit, waqt li l-imputat jghid li gie attakkat u iddefenda ruhu. Dak li jirrizulta minghajr dubbju u li l-ebda arma regolari fit-termini ta' l-Artikolu 217 tal-Kap 9 ma rrizultat.

Ghall-bazi tax-xhieda din l-Qorti ma thossx li ghandha taccetta x-xhieda tal-kwerelant fuq dik ta' l-imputat bhala l-versjoni fattwali ta' kif sehh l-incident.

Oltre dan, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, il-Qorti kellha tadotta il-verzjoni tal-kwerelant bhala dik fattwali, u allura tapplika l-massima *"dolus indeterminatus determinatur ab exitu",* l-imputat, tenut kont tac-cirkostanzi, ghandu invarjabilment, f'dan il-kaz, il-beneficcju tad-difiza tal-legittima difeza jew alternattivament dik tal-provokazzjoni.

Tiddeciedi, ghalhekk, li ma ssibx l-imptuat hati u tilliberah minn kull piena u htija.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur